Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Numru. 1312/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Michael Mallia]**

**vs**

**Alexander (Alexander Francis) Micallef**

**Kumpilazzjoni Numru: 1312/2009**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alexander (Alexander Francis) Micallef, ta’ 33 sena, iben Emanuel u Josephine nee’ Scicluna, imwieled Attard fit-28 ta’ Ottubru, 1976 u residenti fil-fond Nru 7 ‘Yucca’, Flat 1, Triq Gwann Mamo, Msida u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 533076 (M).

1. Akkuzat talli fit-2 ta' Lulju, 2008 u fil-jiem ta' qabel din id-data, b' qerq fetah jew gieghel li jigi miftuh xi oggett postali li kellu jigi kkunsinnat, jew b' qerq ghamel xi att li bih il-kunsinna xierqa ta' oggett postali kienet impeduta jew imtawla, jew ikkomunika jew ghamel uzu minn xi taghrif miksub minn oggett postali hekk miftuh u dan ai termini ta' l-artikolu 74 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodi u cirkostanzi, bhala ufficjal operatur postali, agixxa bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-gurament li saret skond id-disposizzjoni ta' l-artikolu 30 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ksur sar ai termini ta' l-artikolu 75 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 30, 74 u 75 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jikkoncerna l-agir ta'l-imputat fil-qaghdi ta' dmirijiet tieghu bhala pustier mal-Maltapost plc.

Illi l-Maltapost ghandha policy li l-posta titqassam l-ghada tal-gurnata li tasal ghand din l-imsemmija socjeta. Jirrizulta wkoll li bhala prassi l-pustiera fil-ghodu jirrappurta ghax-xoghol f'hub partikolari u hemm kull wiehed minnhom jissortja l-posta li jkun ser iqassam fir-rotta tieghu; f'dan il-process l-addressed mail jitpogga f'ordni konsekuttiv skond in-numru tal-bibien ta' kull triq minn fejn ikun ser ser jghaddi l-pustier. Ma' dawn l-oggetti ikun hemm il-bulky post u unaddressed mail, dawn ta' l-

ahhar normalment ikunu magazines u materjal publicitarju. Wara li l-posta tigi sorted il-pustier jippreparha f'bundles. Meta jitlesta dan il-process il-pustier imur fil-lokalita fejn ikollu r-rotta u naturlament anke l-posta tittiehed hemm. Normalment kull pustier ikollu ferm aktar bundles milli huwa permess li jgorr, ghalhekk tul kull rotta hemm depository boxes biex fihom jitthallew il-bundles in eccess tat-toqol permess biex imbaghad meta il-pustier ikun ikkonsenja l-posta li jkollu fil-basket jieqaf hdejn id-depository box biex minn hemm jiehu l-bundle li jmiss. Il-Maltapost taghmel spezzjonijiet regolari biex jigi assigurat li l-pustiera qed jaghmlu xogholhom sew u li l-posta qed titqassam skond id-direttivi ta' din is-socjeta.

Illi ghandu jigi rilevat li ai termini ta'l-artikolu 30 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta kull pustier huwa obbligat jiehu il-gurament specifikat f'l-ewwel skeda tal-Kapitolu 254. Parti minn dan il-gurament jobbliga lil pustier li …. *volontarjament … ma jdewwimx … kuntrarjament ghad-dmitrijiet tieghu, xi oggett postali li jigi fdat f'idejh jew li jkun taht il-kustodja tieghu…*

Illi ghal dak lil jikkoncerna l-kaz in ezami jirrizulta ampjament li l-imputat kien impjegat bhala pustier mas-socjeta Maltapost plc, li ha l-imsemmi gurament, u li fil-perjodu ta'l-incident mertu ta' dawn il-proceduri huwa kien iqassam il-posta f'Pembroke; huwa kien jirrapporta ghax-xoghol fil-hub ta' San Gwann.

Illi jirrizulta ukoll li fit-tnejn ta' Lulju 2008 fil-ghodi saret wahda mill-ispezzjonijiet fuq imsemmija fir-rotta ta'l-imputat; din l-ispezzjoni saret minn Rose Abela u Adrian Buttigieg. Dawn iz-zewg persuni telqu mill-hub ta' San Gwann meta l-pustiera kienu ghadhom fil-hub impenjati bil-process tas-sorting. Abela u Buttigieg fil-fatt ghamlu spezzjoni fid-depository box 186 ghal-habta tad-9.30am. Meta fethu din id-depository box sabu numru ta' oggetti postali, kemm addressed u unaddressed mail kif ukoll bulky mail. Huma nfurmaw lis-superjur taghhom u marru lura San Gwann u hadu il-kontenut tad-depository box maghhom. Sakemm waslu lura San Gwann pero l-imputat kien lahaq telaq mill-hub fi triqtu lejn Pembroke. Jirrizulta

fil-fatt li dak in-nhar l-imputat telaq minn San Gwann f'l-10.00am. Wara li s-superjuri tieghu ikkomunikaw mieghu telefonikament huwa mar lura San Gwann fejn gie rinfaccjat b'dak li kienu sabu Abela u Buttigieg.

Illi ghandu jinghad li hemm kunflitt fil-verzjoni mghotija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni min-naha u il-verzjoni mghotija mill-imputat min-naha l-ohra. L-imputat fil-fatt qed jghid li l-addressed mail li instab fid-depository box kien ta' dik il-gurnata (cioe tat-2 ta' Lulju 2008), u li unaddressed mail kien zejjed mill-gurnata ta' qabel. Pero l-imputat huwa skredietat mill-fatti li jirrizultaw logikament.

Illi kif intqal l-ispezzjoni saret fid-9.30am meta l-pustiera (l-imputat inkluz) kienu ghadhom San Gwann. Ghalhekk ma jista' jezisti l-ebda dubbju li l-oggetti postali li kien hemm fid-depository box numru 186 kienu ilhom hemm almenu mill-gurnata ta' qabel (u cioe l-1 ta' Lulju 2008 b'mod li bil-fors kienu waslu ghand il-Maltapost almenu fit-30 ta' Gunju 2008) ghaliex fil-hin ta'l-ispezzjoni l-pustiera kienu ghadhom kollha San Gwann u konsegwentement ix-xoghol ta' dik il-gurnata (cioe tat-2 ta' Lulju 2008 u li kien wasal ghand il-Maltapost f'l-1 ta' Lulju 2008) kien ghadu ma ttiehidx fil-lokalita fejn kellu jigi konsenjat.

Illi anke jekk il-Qorti kellha taccetta l-verzjoni ta'l-imputat li l-unaddressed mail kien zejjed minn gurnata precedenti ma tirrizulta l-ebda skuza li tiggustifika l-prezenza ta' addressed mail u bulky mail fid-depository box f'hin meta suppost din il-kaxxa tkun vojta (tenut kont li addressed mail ghandu jigi konsenjat kollu, u skond id-direttivi mghotija lill-pustiera anke ittri registrati u bulky mail mhux konsenjati ghandhom jittiehdu lura fil-hub b'indikazzjoni tat-tentattivi li jkunu saru biex jigu konsenjati).

Illi tenut kont tas-suespost il-Qorti hija konvinta li l-fatti huma dawk kif irrakkontati mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u li konsegwentement l-imputat naqas li jikkonsenja l-oggetti postali fdati lilu fiz-zmien rikjest u li konsegwentement anke kiser il-gurament li kien ha.

Illi fir-rigward tas-sottomissjoni maghmula mid-difieza li l-hekk imsejha “letter to prosecute” esebieta mill-ufficjal prosekutur ma tissodisfax ir-rekwizieti tal-Ligi u li konsegwentement il-proceduri huma nulli l-Qorti tirrileva li skond l-artikolu 64(1) tal-Kapitolu 254 m’ghandhom jinbdew ebda procedimenti ghal xi reat taht dan l-att minghajr il-kunsens bil-miktub ta’l-Awtorita (ta’ Malta dwar il-Kommunikazzjoni) jew fuq talba taghha; dan l-imsemmi artikolu ma jipprovdi ghall-ebda rekwiziet iehor. L-ittra esebieta a fol 12 tal-process bla dubbju tikkostitwixxi kunsens bil-miktub ta’l-Awtorita biex jimbdew proceduri kontra l-imputat u tindika ukoll b’referenza ghall-liema reati ghandhom jittiehdu proceduri. Fil-fehma tal-Qorti dan id-dokument jikkonforma mal-htigijiet ta’l-imsemmi artikolu 64(1) u li ghalhekk m’hemm l-ebda nullita fil-proceduri tentati mill-pulizija.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 30, 74 u 75 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta’ Malta, ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta’ sebgha mitt Euro (€700) li ghandha jithallas fi zmien tlett xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------